# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 510**

**Il-Ħamis 17 ta' Ġunju, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sur John J Pace ppresieda l-laqgħa.

**510.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

510.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jkun skużat.

510.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku jkun skużat.

510.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**510.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

510.2.2 Il-minuti tal-509 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

510.2.3 Il-laqgħa spiċċat fis-5.43 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA

John J Pace
Kunsillier